# Il-Poeta
# li għamel ġieħ lill-Karmelitani

**Patri Hermann Duncan O.Carm**

Fost il-ħafna patrijiet u reliġjuzi Karmelitani nsibu bosta li baqgħu jissemmew għal tliet ħwejjeġ li għamlu: Il-qdusija ta' ħajjithom, l-għerf li żejjinhom Alla bih u l-ħidma appostolika li huma wettqu. Illum qed nikteb dwar patri li kien mogħni bl-għerf. Dan hu Patri Anastasju Cuschieri, magħruf bħala l-poeta tal-Madonna u tal-ilsien Malti. Żgur li mhux ħa niktbu kollox fuqu għax saru ħafna studji u riċerki fuqu. Niktbu biss dak li hu meħtieġ biex ikun jiswa għall-qarrejja tagħna.

Patri Anastasju twieled ġewwa l-parroċċa tal-Madonna tal-Portu Salvu magħrufa aktar bħala ta' San Duminku l-Belt Valletta nhar is-27 ta' Jannar 1876. Ftit jiem wara ġie mgħammed fil-knisja parrokjali tal-istess parroċċa fejn tawh l-isem ta' Pawlu.


P. Anastasju Cuschieri O.Carm

Bħala tifel kien imur l-iskola primarja minn fejn għadda għall-Liċeo. Ta' 15-il sena daħal fl-ordni Karmelitan u beda n-novizzjat fil-25 ta' April 1891. Hawnhekk huwa biddel l-isem tiegħu għal dak ta' Anastasju kif kienet l-użanża tal-patrijiet f'dawk iż-żminijiet. Nhar il-28 ta' Awwissu 1892, huwa għamel il-professjoni sempliċi. Wara li beda l-istudji tiegħu hawn Malta, is-superjuri tiegħu bagħtuħ Ruma biex jistudja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università Gregorjana. Fis-sena 1898 huwa għamel il-professjoni solenni tiegħu fl-Ordni Karmelitan u iktar tard fl-istess sena ġie ordnat saċerdot. Fl-1902 huwa ħa l-grad ta' dottorat fil-Filosofija u f'dik l-istess sena inħatar Professur fl-Università Rjali ta' Malta fejn dam f'din il-ħatra għall-37 sena jiġifieri sas-sena 1939.

It-Tagħlim tiegħu mhux biss baqa' bejn il-ħitan tal-Università iżda sab ruħu mitbugħ fir-"*Rivista di Filosofia Neo-Scolastica*" ta' Milan.

Bħala professur għaddew minn taħt idejh ħafna żgħażagħ li magħhom nqeda bid-doni li tah Alla biex ikun jista' jgħinhom. Għadu mfakkar għal-lezzjonijiet sbieħ li kien jagħmel fejn kien juża d-dehen li kellu u dak ta' poeta mħallat mal-mod ħlejju li kien jgħallem bih. Għalhekk l-istudenti kellhom ġibda kbira lejh.

Huwa mhux biss kien maħtur Professur tal-Filosofija imma wkoll għal darbtejn ġie maħtur bħala Pirjol Provinċjali tal-Provinċja Karmelitana Maltija mis-26 ta' Novembru 1906 sal-14 ta' April 1910, u mill-1 ta' Settembru 1913 sas-26 ta' Ġunju 1916.

Ukoll għal darbtejn kien magħżul bħala Senatur mal-Gvern ta' dak iż-żmien biex jirrappreżenta l-gradwati Universitarji: darba fis-sena 1927 u darb'oħra fl-1932.

Kienet aħbar kerha meta l-poplu tagħna sar jaf li nhar il-15 t'Awwissu 1959 huwa ġie milqut minn marda qerrieda li ħallietu paralitiku. Dam b'dik il-marda għal 3 snin sħaħ fejn kien ikkurat ħafna min ħutu l-patrijiet. Fis-17 ta' Lulju 1962, Patri Anastasju għadda għall-ħajja aħjar. Hawnhekk naraw li ntemmet waħda mill-ħajjiet ta' iben għaref tal-gżira tagħna. Il-funeral tiegħu sar fis-Santwarju Bażilika tal-Karmnu l-Belt u għalih attendew bosta persuni distinti kif kien jistħoqqlu. Huwa ġie midfun fil-kripta tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imdina.

Patri Anastasju huwa magħruf bħala l-Poeta tal-Madonna, għall-ħafna poeżiji tiegħu b'tema Marjana, li huma fost l-aqwa fil-letteratura Maltija. Huwa poeta ta' stil romantiku u klassiku. Hu beda jikteb il-poeżija bil-Malti fl-1909, tliet snin qabel Dun Karm Psaila. L-ewwel poeżija tiegħu ġġib l-isem *Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu.* Fost il-bosta poeżiji ta' P. Anastasju Cuschieri nistgħu nsemmu dawn li huma l-iktar popolari:

Fis-Santwarju tal-Karmnu,
Ilsien Pajjiżi,
Il-Kelma Maltija,
Qtigħ il-Qalb,
Oqbra u Ħolm

Barra minn hekk nsibu diversi poeżiji li aktar tard ġew immużikati bħala innijiet sagri bħalma hija "*Sliem għalik Omm tal-Karmelu*" li għandha versi tant sbieħ li juru l-imħabba li kellu lejn il-Madonna.

Fost dawk li kitbu dwaru nistgħu nsemmu tnejn partikolari; il-poeta magħruf Ninu Cremona u l-kittieb Ġużè Aquilina. Ninu Cremona qal hekk dwar P. Anastasju: "*Il-poeżiji ta' Cuschieri... qajmu għagħa ta' ħeġġa kbira fost il-kittieba tal-Malti li għal xi ftit kienu nsew il-versi ta' kull poeta ieħor. Il-versi bil-Malti ta' Cuschieri dlonk dehru bħala l-isbaħ mudelli ta' poeżiji letterarji fil-kotba tal-Qari għat-tfal tal-iskejjel Sekondarji u għall-istudenti tal-Università ma' poeżiji oħra*".

Waqt li Ġużè Aquilina kiteb, "*Dawk li studjaw taħtu jafu kemm il-filosofija kien jagħmilha ħajja u kemm kien iqajjem interess fost l-istudenti. Il-Professur Cuschieri, barra li kien jaf sewwa s-suġġett tiegħu, kien jaf ifisser ruħu bit-Taljan għax dak iż-żmien il-Filosofija kienet tintgħallem b'din il-lingwa. Kien membru tal-Kunsill Ġenerali fl-Università fejn irrappreżenta l-Fakultà tax-Xjenza u mbarra dan, membru tal-kummissjoni tal-eżaminaturi tal-Lingwa u Letteratura Taljana....Id-diskorsi li għamel kemm dam senatur jitfgħu dawl fuq il-prinċipji u l-karriera tiegħu politika li dik il-ħabta, mhux bħal fi żminijietna, kienet imsejsa l-aktar fuq l-hekk imsejħa kwestjoni tal-Lingwa, il-ġlieda għal status uffiċjali bejn it-Taljan u l-Ingliż li ħafna drabi l-Malti sab ruħu mgħaffeġ bejniethom, imdeffes minn min ried jinqeda bih għal ħsieb ta' politika u mħares minnhom it-tnejn u studjużi oħra tal-Malti li riedu li lsien il-poplu jieħu li ħaqqu f'art twelidna mingħajr ma jiċċappas mal-politika. Din il-qagħda politika kienet ta' tweġħir għal nies li kienu jħobbu l-Malta bħal Cuschieri u Dun Karm. Dawn iż-żewġ poeti għexu f'dan iż-żmien ta' deċiżjonijiet. Li t-tnejn kienu jħobbu l-ilsien Malti u riduh jieħu li ħaqqu u jibqa' safi u bla tinġiż ħadd ma jista' jmieri.*"

Tajjeb li ngħidu li Patri Anastasju f'ħajjtu, għamel bosta paneġierki li ħafna minnhom baqgħu jissemmew kemm bit-Taljan u kemm bil-Malti. Wieħed mill-iktar li baqa' magħruf kien dak li għamel fis-Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Kolleġġjata tal-Belt.

Intemm din il-kitba żgħira tiegħi dwar ħuna P. Anastasju Cuschieri b'din il-poeżija tiegħu dwar il-Madonna.



Ninu Cremona



Ġużè Aquilina